**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 20**

**24 ta' Novembru 2020**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 24 ta' Novembru 2020 fl-4.00p.m. fis-sala tal-Kunsill Lokali.

**PREŻENTI:**

Jerome Caruana Cilia, Ralph Puli, Josef Christian Masini Vento, Donnha Barbara, Charlie Cuschieri, Daniel Ablett, George Muscat, Marvin Zammit, Sean Apap Meli, Martina Grech, Abigail Sammut.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**TALBA**

**Iċ-*Chairman* Ralph Puli** bħala l-aktar kunsillier anzjan skont l-artikolu 25 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, fetaħ il-laqgħa billi qal it-talba.

**Ic-Chairman Ralph Puli** talba Minuta Silenzju bħala turija ta' Rispett lis-Sindku Renald Falzon li ħalla din id-dinja fit-13 ta' Novembru 2020.

**20/01 AĊĊETTAZZJONI TAL-ĦATRA TA' SINDKU**

**Iċ-Chairman Ralph Puli** talab lill-**Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento** jekk jaċċettax il-ħatra ta' Sindku.

**Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento** qara u iffirmat d-dikjarazzjoni ta' Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta' Sindku.

**Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento** ingħata l-ġurament tal-Ħatra tas-Sindku mill-Kummissarju għall-Ġustizzja Dr Martina Herrera.

**Iċ-Chairman Ralph Puli** iddikjara **lil Dr Josef Masini Vento** Sindku ta' Ħal Qormi.

**Il-President tar-Reġjun Nofsinhar, is-Sur Jesmond Aquilina** ppreżenta u libbes l-Insinja ta' Sindku Dr Josef Masini Vento.

## 20/02 AĊĊETTAZZJONI TAL-ĦATRA TA' VIĊI SINDKU

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** staqsa lill-**Kunsillier Donnha Barbara** jekk taċċettax il-ħatra ta’ Viċi Sindku.

**Il-Kunsillier Donnha Barbara** qrat u ffirmat d-dikjarazzjoni ta' Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta’ Viċi Sindku, u s-Sindku ddikkjaratha bħala Viċi Sindku ta' Ħal Qormi.

**Il-Kunsillier Donnha Barbara** ingħatat l-ġurament tal-Ħatra ta’ Viċi Sindku mill-Kummissarju għall-Ġustizzja Dr Martina Herrera.

**Il-Viċi Sindku Donnha Barbara** rringrazzjat lill-membri kollha preżenti.

## 20/03 ĠURAMENT TAL-ĦATRA TA’ KUNSILLIER

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** laqa’ lis-Sinjorina Abigail Sammut, li kienet għadha kif ġiet eletta kunsillier, fl-elezzjoni każwali, sabiex jimtela’ l-post vakanti tal-mibki Renald Falzon.

**Is-Sinjorina Abigail Sammut** qrat u ffirmat d-dikjarazzjoni ta' Aċċettazzjoni tal-Ħatra ta’ Kunsillier u ngħatat l-ġurament tal-Ħatra ta’ Kunsillier mill-Kummissarju għall-Ġustizzja Dr Martina Herrera.

**Il-Kunsillier Abigail Sammut** rringrazzjat lill-membri kollha preżenti u ingħaqdet

għal-laqgħa.

**20/04 Mozzjoni Nru 60 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento**

Nipproponi li l-Kunsill japprova r-responsabbiltajiet ġodda tal-membri eletti kif ġej:

**Josef Masini Vento (Sindku)**

Infrastruttura u progetti
Relazzjonijiet Pubblici
Kultura
Publikazzjonijiet tal-Kunsill
Media
Reklamar
Customer Care
Green Environment Projects *(b'delega speċjali u ko-ordinazzjoni mal-Viċi Sindku Donnha Barbara)*
Qasam Socjali, *(b'delega speċjali u ko-ordinazzjoni mal-Kunsillier Dr Sean Apap Meli)*
Edukazzjoni - *(b'delega speċjali u ko-ordinazzjoni mal-Kunsillier Dr Sean Apap Meli)*
Skejjel - *(b'delega speċjali u ko-ordinazzjoni mal-Kunsillier Dr Sean Apap Meli)*
Libreriji - *(b'delega speċjali u ko-ordinazzjoni mal-Kunsillier Dr Sean Apap Meli)*
Korsijiet - *(b'delega speċjali u ko-ordinazzjoni mal-Kunsillier Dr Sean Apap Meli)*
Kampanji edukattivi - *(b'delega speċjali u ko-ordinazzjoni mal-Kunsillier Dr Sean Apap Meli)*

**Donnha Barbara (Vici Sindku)**

Green Environment Projects *(b'delega speċjali mingħand is-Sindku)*
Ambjent
Indafa
Inizjattivi u edukazzjoni ambjentali
Studju fuq tniggis
Ghaqdiet Ambjentali
Gonna / Spazzji miftuha / Widien / Kampanja.
Sanita
Ugwaljanza *(b'delega speċjali u koordinazzjoni mall-kunsillier elett ġdid)*

**Daniel Ablett**

Sports
Attivitajiet
Kampanja Edukattiva favur l-ezercizzju fiziku
Facilitajiet sportivi
Ghaqdiet sportivi

**Marvin Zammit**

Rappreżentant Gal Xlokk
Fondi Ewropej
Inizjattivi u servizzi favur il-Kummerc
Relazzjonijiet mas-settur kummerċjali
Inizjattivi favur persuni b'dizabilta
Sotto kumitat – persuni b'dizabilita

**Sean Apap Meli**

Anzjani
Day Care Centre
Saħħa
Qasam Socjali – (*B'delega speċjali mis-Sindku)*
Edukazzjoni – (*B'delega speċjali mis-Sindku)*
Skejjel – (*B'delega speċjali mis-Sindku)*
Libreriji – (*B'delega speċjali mis-Sindku)*
Korsijiet – (*B'delega speċjali mis-Sindku)*
Kampanji edukattivi – (*B'delega speċjali mis-Sindku)*

**Martina Grech**

Zghazagh u tfal
Relazzjonijiet Internazzjonali
Gemeleggi
Tecknologija u nformattika
Organizzazzjoni ta' attivitajiet immirati għat-Tfal u Żgħażagħ

**Jerome Caruana Cilia**

Innovazzjoni
Ricerka

**Ralph Puli**

Turizmu
Integrazzjoni socjali

**Charlie Cuschieri**

Harsien ta' l-annimali
Attivitajiet relatati ma' l-animali
Facilitajiet ta' l-annimali
Edukazzjoni relatata ma' l-animali. (Trobbija, drittijiet, rispett)

**George Muscat**

Kommunitajiet.
Progetti relatati ma kommunitajiet.
Fondi relatati ma kommunitajiet

**Abigail Sammut**

Promozzjoni ta' Drittijiet Ċivili
Drittijiet tal-Konsumatur
Infurzar – LESA/Pulizija

**Kumitat Finanzi**

Josef Masini Vento - Sindku
Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv
Accountant tal-Kunsill
Ralph Puli
Marvin Zammit

**Kumitat tal-Akkwist**

Josef Masini Vento – Sindku
Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Ralph Puli – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda l-Mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Għaxar Kunsilliera (10) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni**.

**20/05 INDIRIZZ MIS-SINDKU, DR JOSEF MASINI VENTO**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** talab lill-President tar-Reġjun, is-Sur Jesmond Aquilina jagħmel kelmtejn tal-okkażjoni. Is-Sur Jesmond Aquilina feraħ lis-Sindku elett, lill-Viċi Sindku Donnha Barbara u lill-kunsillier l-ġdida Abigail Sammut għal kariga ġdida tagħhom. Is-Sur Aquilina sellem il-memorja tas-Sindku Renald Falzon li ħadem miegħu mhux biss fl-ambitu ta' Reġjun iżda aktar u aktar meta kienu membri tal-Kunsill.

**Is-Sur Jesmond Aquilina** saħaq fuq l-importanza tal-għaqda bejn il-membri kollha sabiex flimkien jaħdmu għal ġid ta' din il-Belt tant .

**Il-Viċi Sindku Donnha Barbara** rringrazzjat lil dawk preżenti u ferħet lill-kunsillier elett Abigail Sammut u ħeġġet lill-membri kollha sabiex flimkien jaħdmu bħala *team* wieħed għall-ġid tar-residenti qriema.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia**, bħala *Minority Leader*, feraħ lis-Sindku, lill-Viċi Sindku u l-membru elett u qal li dan il-Kunsill mhux biss għandu numru sabiħ ta' nisa, iżda għandu element qawwi ta' żgħażagħ. Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia qal li jħares 'l quddiem,biex bħalma ħadem mal-mibki Renald Falzon, ikompli l-ħidma tiegħu mas-Sindku l-ġdid, mingħajr ma jħares lejn uċuħ.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** rringrazzja lill-President tar-Reġjun, is-Sur Jesmond Aquilina tal-koperazzjoni u pariri li dejjem jagħti mhux biss bħala President tar-Reġjun, iżda anke bħala ex-Sindku li tant ħabb lil din il-lokalita' għażiża għall-Qriema. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento rringrazzja lill-istaff tax-xogħol li jagħmel, b'mod partikolari, waqt il-kriżi li l-Kunsill kien għaddej minnha matul dawn l-aħħar ġimgħat. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento qal li dan il-Kunsill għandu jkun ta' pjattaforma li tippromwovi s-soċjal u tkun ta' sostenn soċjali. Dan minbarra l-bosta proġetti infrastrutturali li diġa kien ippjana l-Kunsill, fil-bidu tal-leġislatura.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li fost il-proġetti ppjanati, se jkun qed isir mafkar iddedikat lill-mibki Sindku Renald Falzon, iżda dan se jkun qed isir bil-kwiet u b'rispett lejn il-familja Familja Falzon li għaddejja minn dulur kbir. Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ħeġġeġ lill-membri sabiex joħolmu, għaliex bil-ħolm u ppjanar il-Kunsill se jkun jista' jwettaq proġetti kbar b'risq il-Belt tant għażiża għall-membri kollha.

**20/06 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

17.8.1 Il-laqgħa intemmet fil-7.15p.m. u ġiet aġġornata għat-**Tlieta, 1 ta' Diċembru 2020, fis-6.30p.m.**

Konfermati, illum it-Tlieta 1 ta' Dicembru 2020.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |